MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 796/2011

**Mobisle Communications Limited. (C-24655)**
**Vs**
**Francis Degiorgio (K.I. 172966M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ sitt mija u tnejn u sittin ewro u zew centezmi (€662.02) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ in konnessjoni ma’ servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C50901562* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 11 ta’ Novembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------